**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 648/2018 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Elton Taliana)**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**vs**
**Claire (Claire Louise) Polidano**

**Illum 31 t'Ottubru, 2019**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Claire (Claire Louise) Polidano detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 44575M.

Akkuzata talli nhar is-7 t'Ottubru, 2018, ghall-habta tal-00.15 a.m. gewwa l-istabbiliment bl-isem ta' McDonald's li jinsab fi Triq il-Wied, Birkirkara:

1. Ikkommettiet serq ta' flus, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' u ghoxrin Euro u seba' u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin, u li sar ghad-dannu tal-imsemmija kumpanija u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitatjiet ohra;

2. Bla ordni skond il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li tarresta lill-hati, arrestat, zammet jew

issekwestrat lil Nicole Farrugia, Deyan Fenech u persuni ohra fl-istess hanut kontra l-volonta' taghhom;

Iktar talli nhar it-2 t'Ottubru, 2018, ghall-habta tat-19:45 hrs, gewwa l-Banka tal-Lottu bin-numru 335 li tinsab fi Triq ix-Xatt, Pieta':

3. Bil-hsieb li taghmel delitt ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' u ghoxrin Euro u seba' u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin, ghad-dannu ta' Julian Galea, wriet dan il-hsieb b'atti esterni u tat bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga indipendenti u accidentali mill-volonta' taghha;

4. Bla ordni skond il-ligi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li tarresta lill-hati, arrestat, zammet jew issekwestrat lil Gino Bartolo u Abigail Casha kontra l-volonta' taghhom;

5. Garret il'barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

6. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi kisret il-provedimenti ta' sentenza sospiza moghtija fil-konfront taghha b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. D. Frendo Dimech LL.D. datata 20 ta' Frar, 2017, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputata fis-seduta datata 11 t'Ottubru, 2018.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', fedina penali tal-imputata, estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid tal-imputata, CCTV footage immarkat bhala Dok LZ1, stills immarkati bhala Dok LZ2, pendrive immarkat bhala Dok LZ3, 6 stills immarkati bhala Dok LZ4, current incident report datat 7 t'Ottubru, 2018 immarkat bhala Dok LZ5, current incident report datat 2 t'Ottubru, 2018 immarkat bhala Dok LZ6, ritratt ta' Claire Polidano mmarkat bhala Dok LZ7, stqarrija permezz tal-awdjo-vizwali mmarkat bhala Dok LZ8, current incident report datat 7 t'Ottubru, 2018 immarkat bhala Dok JC1,

sentenza datata 20 ta' Frar, 2017 immarkata bhala Dok LZ9, current incident report datat 2 t'Ottubru, 2018 immarkat bhala Dok JZ1, pre-sentencing report immarkat bhala Dok CB1.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' lil Spettur Lydon Zammit, Spettur Fabian Fleri, Deane Fenech, Nicole Farrugia, WPS 198 Jennifer Caruana, Gino Bartolo, Abigail Casha, WPS 63 Janet Zammit, Spettur Elton Taliana, Julian Galea.

Semghet ix-xhieda tad-Difiza u cioe' lill-Probation Officer Charisse Boffa.

**Spettur Lydon Zammit**, jghid li fit-2 t'Ottubru, 2018, ghal habta tat-7:45 p.m. il-Pulizija tal-Msida gew infurmati li kienet ghada kemm sehhet hold-up mill-banka tal-lottu booth gewwa tal-Pieta'. Il-Pulizija tal-Msida marru fuq il-post fejn sabu lil Gino Bartolo u Abigail Casha li jahdmu gewwa dan il-banka tal-lottu u dawn spjegaw lill-pulizija li kienet dahlet persuna femminili b'sikkina f'idha u bdiet titlobhom il-flus bil-lingwa Maltija, izda b'accent Gharbi. Gino Bartolo spjega li ma taw l-ebda flus lil din il-mara izda minflok, qabad hadida li jaghlaq ix-shutter biha u mbutta lil din il-persuna femminili. L-Ispettur Lydon Zammit spjega li l-ghada tal-hold-up huwa kellem lil Gino Bartolo u Abigail Casha fejn dawn ikkonfermaw ir-rapport inizjali taghhom u sahansitra taw deskrizzjoni tal-persuna femminili li wetqet dan ir-reat. Iddeskrivew lil din il-mara, li kienet liebsa xalla madwar ghonqa u ma rasha, kif ukoll li ftit il'fuq minn imnihirha, bejn ghajnejha kellha xi demm u kellha anke d-demm fejn xuftejha. Gino Bartolo kkonferma li mbutta lil din il-mara b'hadida u li din il-persuna telqet il'barra u marret fid-direzzjoni tat-traffic lights tal-Msida. Ingabru diversi CCTV footages mill-pulizija u cioe' mill-banka tal-lottu u mill-Brown's Pharmacy. Sussegwentement, fis-7 t'Ottubru, il-Pulizija tal-Ghassa ta' Birkirara gew infurmati li gewwa l-McDonalds ta' Birkirkara kienet sehhet hold-up, fejn persuna femminili dahlet u talbet lill-haddiema ituha l-flus, fejn dawn tal-ahhar tawha madwar €1,600. Il-pulizija tad-distrett ta' Birkirkara nizlu lejn il-McDonalds biex ikellmu lill-manager tal-post, certu Deane Fenech fejn dan ikkonferma li dahlet persuna femminili u kelmet lil certa Nicole Farrugia li tahdem gewwa l-McDonalds u talbitha l-flus. Nicole Farrugia nfurmat lil din il-persuna li ma ghandhiex access ghal cash u sejhet lil Deane Fenech. Deane Fenech taha l-ammont ta' €1,600 lil din il-persuna femminili minn wahda mill-cashpoints. Kemm Nicole Farrugia

u kemm Deane Fenech iddeskrivew lil din il-persuna bhala mara twila, izda li kellha xi tbajja qisu demm bejn ghajnejha u n-naha xellugija ta' wiccha. L-Ispettur Lydon Zammit jispjega li l-pulizija waslet ghal Claire Polidano stante li din hija maghrufa mal-Pulizija u li ghandha l-vizzju tad-droga. Fil-fatt, iccekkja mad-Detox u rrizulta li Claire Polidano tmur tiehu l-medicina kuljum. Fil-11 t'Ottubru, 2018, l-Ispettur Lydon Zammit, l-Ispettur Fabian Fleri u PS Kevin Curmi marru fejn id-Detox fejn raw lil Claire Polidano diehla tiehu l-medicina. Claire Polidano giet arrestata u giet infurmata bid-drittijiet kollha taghha, izda peress li nfurmat lill-Pulizija li hassitha ma tiflahx, din ittiehdet il-poliklinika ghal ezaminazzjoni. It-tobba tal-poliklinika nfurmaw lill-pulizija li Claire Polidano ma setghetx tinzamm go cella u ghalhekk il-pulizija ftehmu mal-Magistrat tal-Ghassa Dr. Donatella Frendo Dimech sabiex titressaq il-Qorti f'hin partikolari. Ittiehdet stqarrija ta' Claire Polidano wara li nghatghula d-drittijiet taghha.

**L-Ispettur Fabian Fleri**, ikkonferma li huwa assista lill-Ispettur Lydon Zammit fl-investigazzjoni u kkonferma l-verzjoni tal-istess Spettur Lydon Zammit, kif ukoll ikkonferma li kien prezenti waqt l-arrest ta' Claire Polidano.

**Deane Fenech**, jghid li fis-7 t'Ottubru, 2018 huwa kien xoghol bhala Manager gewwa l-McDonalds' ta' Birkirkara, u ghal habta tal-kwarta, hareg ipejjep sigarett. Nicole Farrugia, impjegata tal-McDonald's harget tghid lil Deane li kien hemm mara u li din il-mara kellha pistola u kienet qed titlob lil Nicole Farrugia ttiha l-flus u ma xtaqet twegga lil hadd. Deane Fenech dahal wara l-counter u din il-mara qaltlu l-istess kliem. Deane Fenech spjega li din il-mara kienet twila, mhux irqiqa hafna, kienet liebsa flokk abjad bil-kmiem twal u jeans, xaghra kien kannella fl-orangjo u bejn ghanjeha kellha qisa qoxra wara ferita u beda johrog id-demm minna. Deane Fenech kompla jghid li meta din il-mara telqet, marret fid-direzzjoni tas-"Sapori", ghalaq il-bieb u cempel lill-pulizija. Lil din il-mara gharafha fl-awla bhala Claire Polidano, li ghamlet il-hold-up gewwa l-McDonalds.

**Nicole Farrugia**, tghid li bejn is-6 u s-7 t'Ottubru ghal habta tal-kwarta waqt li hi kienet qeghda xoghol gewwa l-McDonalds ta' Birkirkara, rat mara sejra lejn it-toilet, izda mbghad giet mal-counter taghha u meta Nicole pruvat tiehu l-ordni tal-ikel taghha, din il-mara bil-lingwa Ingliza qaltilha li hi bezghana, biex ma jcemplux lill-pulizija, li

ghandha pistola u li riedet il-flus minn gol-cash. Nicole Farrugia spjegatilha li ma setghetx tiftah il-cash register minghajr card tal-Manager u kkonvinciet lil din il-mara biex tmur tkellem lil manager taghha, Deane Fenech. Ghalhekk, kemm Nicole u kemm din il-mara marru fejn il-bieb ta' barra fejn kien hemm Deane Fenech qed ipejjep sigarett u Nicole infurmat lil Deane b'dak li ghadu kemm gara. Deane Fenech dahal gewwa l-McDonalds, dahal wara l-counter u lil din il-mara taha l-flus. Nicole Farrugia tghid li din il-mara kellha tul normali, ma kienitx hoxna izda ma kienitx irqiqa, xaghra kien iswed fil-kannella, ghajnejha kannella, kienet liebsa top blu bl-istripes bojod u jeans, bil-marki tad-demm fuqu ukoll. Inoltre, tispjega li avolja din il-mara qalet li kellha arma, idha kienet mghottija b'xugaman celesti u l-arma ma rathiex. Nicole Farrugia gharfet lil Claire Polidano bhala l-persuna li ghamlet il-hold-up gewwa l-McDonalds.

**WPS 198 Jennifer Caruana**, tispjega li fis-7 t'Ottubru, 2018 ghal habta tan-12:20 a.m. giet infurmata mill-control room li kien ghadu kif sehh hold-up gewwa l-McDonalds ta' Birkirkara u l-persuna suspettata kienet liebsa flokk abjad, jeans blue, xaghra orangjo u gibdet lejn id-direzzjoni ta' Fleur-De-Lys. Ghalhekk, WPS 198 marret in-naha ta' Fleur-De-Lys fejn ghamlet ronda izda din il-mara ma nstabitx u ghalhekk marret gewwa l-McDonalds ta' Birkirkara fejn kelmet lil Nicole Farrugia, impjegata bhala kaxxiera gewwa l-istess McDonalds. Is-surgenta tispjega li Nicole Farrugia qaltilha li rat lil din il-mara tidhol gewwa l-McDonalds u timxi lejn it-toilets, izda mbghad giet quddiem il-counter taghha u qaltilha bil-Lingwa Ingliza, li hija bezghana, biex ma ccempilx lill-pulizija, li ma xtaqet twegga lil hadd u li ghandha pistola. Nicole spjegat ukoll li s-suspettata kellha xugaman celesti madwar idha l-leminija u ghalhekk ma rat l-ebda arma. Din il-mara qalet lil Nicole biex ittiha l-flus izda l-manager biss kellu access ghal cash register peress li hu biss kellu l-card. Ghalhekk, Nicole marret tghid lil manager, Deane Fenech b'dak li kien qed jigri u Deane Fenech dahal u ta madwar elf ewro lil din il-mara. Is-surgenta nformat lill-Ispettur Elton Taliana b'dan kollu u dan minn naha tieghu informa lill-Magistrat tal-Ghassa Dr. Doreen Clarke. Is-surgenta rat is-CCTV footage li kien hemm gewwa l-McDonalds u gharfet il-mara suspettata bhala Claire Polidano.

**Gino Bartolo**, jahdem bhala manager gewwa banka tal-lottu, gewwa l-Pieta' u jghid li fit-2 t'Ottubru, 2018 ghal habta tat-7:45 p.m., hu u l-kollega tieghu Abigail Casha kienu qed jaghlqu l-banka tal-lottu. Gino kien qieghed gewwa inaddaf u Abigail kienet mal-

counter meta fil-pront Abigail ghajtitlu u qaltlu li hemm mara qed titlobha l-flus. Hekk kif hareg ra mara b'wicca mghotti u din l-istess mara qaltilhom li dan kien hold-up, li ma kienitx cajta u li riedet il-flus. Gino ra li din il-mara kellha tip ta' arma f'idejha. Abigail Casha qabdet il-mobile taghha u resqet in-naha l-ohra tal-counter u din il-mara qaltilhom biex ma jaghmluhiliex difficli ghax kellha bzonn il-flus. Gino Bartolo qalilha li mhux se tiehu xejn mill-banka tal-lottu u din il-mara qaltlu li dejjem issib hajt quddiema, u Gino Bartolo qalilha li dak inhar sabet lilu. Ghalhekk, din il-mara qaltlu li m'hemmx x'taghmel u daret biex titlaq il'barra. Dak il-hin Gino qabad il-hadida li jghalaq ix-shutter biha u mar wara din il-mara u mbuttaha ftit biex tohrog. Hawnhekk il-mara daret u ppuntat l-arma lejh izda Gino Bartolo lahaq imbuttaha l'barra u ghalaq il-bibien. Gino Bartolo jiddeskrivi l-arma bhala "Stanley knife" organjo. Jiddeskrivi lil mara bhala irqiqa, twila, xaghra qisu fil-kannella avolja kien mghotti bil-velu u avolja tkelmet bil-Malti, ma kellhiex accent car tal-Malti. Huwa gharaf lil Claire Polidano bhala l-persuna li wetqet dan ir-reat.

**Abigail Casha**, tahdem bhala gaming attendant go banka tal-lottu gewwa l-Msida. Tispjega li fit-2 t'Ottubru, 2018 ghal habta tat-7:45 pm kienet qed tghalaq il-hanut waqt li Gino Bartolo, il-manager taghha kien qed inaddaf il-hanut. Tghid li dahlet mara u ghal bidu Abigail Casha ma setghetx tifhem xi bdiet tghidilha din il-mara, izda mbghad fehmet li din il-mara kienet qed tghidilha li kienet qed taghmel hold-up, u li riedet il-flus kollha, filwaqt li kellha "craft knife". Abigail Casha inhasdet u ghajtet lil Gino fejn dan imbutta lil Abigail Casha lura u Gino qabad hadida li jaghlaq ix-shutter tal-hanut biha u saqsa lil din il-mara xi trid. Din tal-ahhar qaltlu li riedet il-flus kollha u ma twegga lil hadd. Gino Bartolo mbutta lil din il-mara bil-hadida sabiex tohrog il'barra u din daret u ppuntat il-craft knife fid-direzzjoni tieghu, izda lahaq imbuttaha l'barra u ghalaq il-bieb. Abigail Casha, tiddeskrivi lil din il-mara bhala twila, xaghra kien mghotti b'velu, kellha nuccali, kienet samra, u avolja tkelmet bil-Malti, il-Malti taghha ma kienx wiehed car. Abigail Casha gharfet lil Claire Polidano bhala l-mara li ghamlet il-hold-up gewwa l-Banka tal-Lottu. Tikkonferma li kienet ippartecipat f'identification parade mhejji mill-pulizija.

**WPS 63 Janet Zammit**, tghid li fit-2 t'Ottubru, 2018 ghal habta tat-8:00 p.m. irceviet telefonata mill-control room fejn giet infurmata li kien hemm allegatament serqa minn

gewwa banka tal-lottu gewwa l-Pieta' u hi, flimkien mal-kuntistabblijiet taghha marru fuq il-post. Hija hejjiet rapport fuq dak li kkonstatat dak inhar.

**Spettur Elton Taliana**, jghid li fis-7 t'Ottubru, 2018 kien gie nfurmat minn WPS 198 Jennifer Caruana li kien sehh hold-up gewwa l-McDonalds fi Triq il-Wied ta' Birkirkara u ghalhekk huwa mar fuq il-post fejn kellem lil wahda mill-impjegati, certa Nicole. Din Nicole spjegat li kienet dahlet mara ghal habta tat-3:00 a.m. u din marret fejn it-toilet u ftit wara marret quddiem il-counter fejn kienet Nicole, u qaltilha li se taghmel hold-up, li kienet bezghana u li ghandha arma. Nicole spjegat li din il-mara kellha xugaman blu mdawwar ma idejha u ghalhekk ma setghetx tikkonferma jekk kelliex arma jew le. Peress li Nicole ma kelliex access ghal cash register, din marret tghid lil Manager taghha u dan tal-ahhar mar, fetah il-cash register u lil din il-mara taha l-ammont ta' madwar elf ewro. Nicole iddeskriviet lil mara li kienet liebsa flokk abjad u jeans u wisq probabbli kellha xaghra car. L-Ispettur Elton Taliana nforma lill-Magistrat tal-Ghassa Dr. Doreen Clarke, izda l-Magistrat infurmatu biex din l-investigazzjoni tinhadem bhala police work. Inoltre, l-Ispettur talab li jinghata CCTV footage tal-McDonalds u d-Dipartiment tal-IT tal-istess McDonalds ghaddew il-footage lill-pulizija.

**Julian Galea**, huwa sid il-banka tal-lottu li tinsab gewwa Triq ix-Xatt tal-Pieta'. Jispjega li ghal habta ta' Ottubru tas-sena 2018, l-impjegati tieghu gewwa l-banka tal-lottu nfurmawh li sehh attentat hold-up gewwa l-istess banka tal-lottu. Jikkonferma li ma nsteraq xejn mill-banka tal-lottu.

Rat in-nota tar-Rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu, elfejn u dsatax (2019) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

- Fl-artikoli 261(a)(c)(f), 262(1)(a)(b), 267, 270 u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 41(1)(a), 261(a)(c)(f), 262(1)(a)(b), 267, 270 u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 88 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Fl-artikoli 17, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fil-verbal tat-28 ta' Marzu, 2019 il-Qorti qrat l-artikoli fejn l-imputata wiegbet li hija m'ghandiex oggezzjoni li l-kaz taghha jinstema' bi procedura sommarja u jigi deciz minn din il-Qorti.

Rat li fil-verbal tad-9 ta' Mejju, 2019, l-imputata rregistrat ammissjoni ghall-Artikoli 1 u 5 kif citati mill-Avukat Generali, izda mhux ghat-2, 3, 4 u 6 Artikoli tal-Avukat Generali.

Rat li fl-istess verbal tad-9 ta' Mejju, 2019, id-Difiza talbet sabiex isir pre-sentencing report.

Rat l-istess pre-sentencing report ezebit mill-Probation Officer, Charisse Boffa.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tad-Difiza.

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni.

**Ikkunsidrat:**

**Serqa mill-Istabiliment McDonald's**

Illi l-imputata fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2019 irregistrat ammissjoni ghall-Artikoli kif citati mill-Avukat Generali (a fol 94 tal-process) enumerati bhala 1 u 5 u cioe' s-serqa aggravat ghad-dannu tal-entita' McDonald u talli kisret il-kundizzjoni imposta fuqha meta nghatat sentenza sospiza fl-20 ta' Frar 2017 li fil-perijodu operattiv ikkommettiet reat iehor.

Illi la darba l-imputata rregistrat ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjoni migjuba kontra taghha li huma enumerati bhala 1 u 5 ghall-Artikoli tal-Avukat Generali u ghalhekk ghall-ewwel (1) u l-hames (5) akkuza, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skont il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew id-deposizzjonijiet tax-xhieda prodotti, u l-provi dokumentarji imressqa, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjoni msemmija migjuba kontra taghha giet sodisfacentement ippruvata u

ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarha hatja ta' dawn l-akkuzi fil-konfront taghha.

**Serqa mill-Banka tal-Lottu**

Mill-fatti tal-kaz gie stabbilit illi kien hemm persuna li dahlet fil-banka tal-lottu li dak il-hin kien hemm zewg persuni jahdmu gewwa. Dawn iz-zewgt persuni kienu Gino Bartolo u Abigail Casha li ghal habta tat-tmienja neqsin kwart (7.45 pm) kienu qieghdin jaghlqu l-banka tal-lottu li tinstab gewwa Triq ix-Xatt fil-Pieta'. L-Ispettur Lydon Zammit fix-xhieda tieghu jafferma li mill-investigazzjonijiet li ghamel huwa stabbilixxa li fit-2 t'Ottubru, 2018, ghal habta tat-7:45 p.m. il-Pulizija tal-Msida gew infurmati li kien ghadu kemm sehh hold-up mill-banka tal-lottu gewwa tal-Pieta'. Meta gew mitkellma Gino Bartolo u Abigail Casha spjegaw lill-pulizija li kienet dahlet persuna femminili b'sikkina f'idha u bdiet titlobhom il-flus bil-lingwa Maltija, izda b'accent Gharbi. Gino Bartolo spjega li ma taw l-ebda flus lil din il-mara izda minflok, qabad hadida li jaghlaq ix-shutter biha u mbuttaha biha. Gino Bartolo u Abigail Casha taw deskrizzjoni tal-persuna femminili li wetqet dan ir-reat bhala wahda li kienet liebsa xalla madwar ghonqa u ma rasha. L-ispettur Zammit zied jghid li kienu semmew ukoll li ftit il'fuq minn imnihirha, bejn ghajnejha kellha xi demm u kellha anke d-demm fejn xuftejha.

Minn naha ta' Gino Bartolo u Abigail Casha meta xehedu f'dawn il-proceduri qalu li dahlet persuna li kellha sikkina f'idha u talbet il-flus. Fix-xhieda ta' Abigail Casha qalet hekk (a fol 52):-

> *"…dan huwa hold up" u bdiet turini kellha craft knife u jien dak il-hin inhsadd, ersaqt lura, ghajjat lil Gino u gie, ghalaq jigri ghax kont qed nitfa l-flus go kaxxa hamra, imbuttani lura, ersaqt mal-genb…"tini l-flus u tuni kollox…"*

Meta l-istess Abigail Casha giet mistoqsija sabiex taghti deskrizzjoni tal-persuna li dahlet fil-banka tal-lottu qalet hekk:

> *"Twila, imma xaghrha ma tantx kien jidher ghax kellha velu u kellha nuccali, kienet samra, kellmitna bil-Malti, imma qisu ma bdietx tkellimna bil-Malti car hekk kif qed nitkellem jiena. Ghal-ewwel bdejna nahsbu li kienet Gharbija jew xi haga…"*

Meta giet mistoqsija jekk tgharafx lil xi hadd hija konfermat li kienet l-imputata bhala l-persuna li kienet dahlet fil-banka tal-lottu fejn kien sar il-kaz. Minn naha l-ohra meta

giet mistoqsija in kontro-ezami qalet li kienet l-ewwel darba li giet mitluba biex taghmel din it-tip ta' identifikazzjoni ghalkemm meta kienet marret gewwa d-Depot kienet rat ritratti biss. Illi minn dak li qal l-istess Spettur Lydon Zammit dwar id-deskrizzjoni tal-persuna li dahlet gewwa l-banka tal-lottu, Abigail Casha fil-mori ta' dawn il-proceduri ma semmiet xejn dwar certi indizzji li kellha f'wiccha l-imputat. Anki minn dak li qal Gino Bartolo fix-xhieda tieghu (a fol 62) fejn kull ma semma li kellha velu madwar wiccha. Din kienet biss l-informazzjoni li qalu li raw fuq il-persuna izda ma qalu xejn dwar affarijiet ohra li kellha din il-persuna fuq dak li qal l-istess Spettur.

In propositu, il-Qorti rat il-filmati li gew esebiti fl-atti, u ma tistax taghraf il-persuna b'certezza illi l-imputata hija il-persuna li tidher fil-filmati u dan ghal raguni li kemm il-velu li kellha ma' rasha kif ukoll l-angolu tas-CCTV ma jaghtix vizwali diretta lejn il-wicc tal-persuna. Illi f'dawn il-proceduri ma kienx hemm talba sabiex jigi mahtur espert sabiex johrog dawn il-fotogrammi u jirrelata dwar dak li kien jidher fil-filmati u jekk setax jiddentifika lil din il-persuna mal-imputata. Illi ghalhekk il-Qorti trid tasal ghal konkluzzjoni minn dak li qalu l-istess *parte leza* fil-mori ta' dawn il-proceduri.

**Ikkunsidrat;**

Illi minn ezami ta' dawn id-depozizzjonijiet il-Qorti tislet diversi konkluzjonijiet. L-ewwel wahda hija dwar il-konsistenza bejn il-verzjonijiet taz-zewg parte civile u cioe' dik ta' Abigail Casha u Gino Bartolo. Ghalkemm minn dak li qal l-ispettur Lydon Zammit dwar certi dettalji fuq il-wicc tal-persuna li giet arrestata fuq dan il-kaz, ma semmghu xejn mill-parte civile. Kienu biss dwar x'kienet libsa u ebda minnhom ma semma dwar marki li kien hemm fil-wicc tal-persuna. Huwa minnhu wkoll li l-imputata giet identifikata bhala l-persuna li wetqet ir-reat meta kienu qieghdin jixhdu f'dawn il-proceduri. Ghandu jinghad li ghalkemm intqal li gew murija ritratti ma' hemm ebda indikazzjoni mix-xhieda tal-Pulizija liema kienu r-ritratti li gew murija u lanqas dak ir-ritratt fejn giet identifikata l-imputata minnhom. Tosserva wkoll li l-verzjoni tal-parte civile hija wahda ezawrjenti u mizghuda b'dettall li ftit thalli dubju f'mohh il-Qorti dwar dak li attwalment sehh.

Il-Qorti tislet ukoll il-konkluzjoni mix-xhieda fuq ikkunsidrata, illi l-imputata giet adegwatament identifikata bhala l-persuna li dahlet fil-banka tal-lottu sabiex twettaq

reat. Kif rajna il-parte civile kkonfermaw b'mod inkonfutabbli illi kienet l-imputata li dahlet gewwa l-banka tal-lottu. Ghalkemm kif inghad il-Qorti ma setghatx tara b'mod car il-persuna li dahlet fil-banka tal-Lottu kienet l-istess imputata. Dan qieghed jinghad ghal raguni li l-mod kif inhuma mpoggija l-cameras tas-CCTV ma jaghtux visjoni diretta fuq il-wicc izda kemm xejn angolati. Illi anki l-istess kwalita' tas-CCTV mhumiex daqshekk cari li jaghtu certi dettalji fuq il-wicc tal-persuna. Illi ghalhekk il-Qorti trid bilfors tistrieh fuq ix-xhieda tal-parte civile u minn dak li deher fil-filmati jidher b'mod car li kellhom vizwali diretta lejn il-wicc tal-persuna ghalkemm kellha velu madwar rasha izda ma kienx qieghed jaghtti il-wicc.

In propositu tal-materja tal-identifikazzjoni tal-imputat, is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Romeo Bone**, li ghamlet referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs. Massimo Caruso**, deciza fis-17 ta' Marzu 2008 moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, qalet hekk:-

> *"Dwar il-process ta' identifikazzjoni, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza* ***Il-Pulizija vs. Stephen Zammit*** *deciza fil-15 ta' Lulju 1998 (Vol. LXXXII.iv.235) qalet li:-*
> *"Il-ligi taghna hi partikolarment skarsa dwar regoli li ghandhom x'jaqsmu ma' l-identifikazzjoni ta' imputat jew akkuzat. Infatti, l-unika disposizzjoni tal-ligi in materja – l-Artikolu 648 tal-Kodici Kriminali - hi redatta fin-negattiv, fis-sens li tghid* ***x'mhux mehtieg*** *u mhux* ***x'inhu mehtieg"****. Dik id-disposizzjoni tipprovdi testwalment hekk:*
> *"Biex issir il-prova ta' l-identita` ta' persuna li ghandha tigi maghrufa jew ta' oggett li ghandu jingieb bhala prova, mhux mehtieg, bhala regola, li x-xhud jaghraf dik il-persuna minn fost persuni ohra, jew dak l-oggett minn qalb ohrajn bhalu, hlief meta l-Qorti, f'xi kaz partikulari, ikun jidhrilha xieraq taghmel dan ghall-finijiet tal-gustizzja".*

Dik l-istess Qorti ezaminat fid-dettal din il-kwistjoni, u billi huwa rilevanti ghall-kaz odjern se jigi kkwotat in extenso. Hija fil-fatt qalet:-

> *"Minn din id-dispozizzjoni jidher car li l-legislatur ma riedx ixekkel lill-partijiet fil-kawza b'regoli rigidi ta' kif ghandha ssir l-identifikazzjoni ta' persuna jew oggett, izda halla fil-gudizzju prudenti tal-Qorti li tirregola ruhha skond il-kaz. Din id-dispozizzjoni, naturalment, tapplika ghal identifikazzjoni f'Qorti; meta si tratta ta' identifikazzjoni li tkun saret barra mill-Qorti, bhal, per ezempju, fl-Ghassa tal-Pulizija, u li ghalhekk tkun ipprecediet l-identifikazzjoni fil-Qorti, il-ligi taghna ma tghid xejn. Dan ma jfissirx li ma hemmx regoli ta' prudenza dettati mill-bwon sens li ghandhom jigu osservati, specjalment f'dawk li jissejhu identification parades; dawn ir-regoli huma intizi fl-interess kemm tal-Prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza bl-iskop li l-identifikazzjoni ta' persuna bhala l-awtur ta'*

*reat jew bhala l-persuna altrimenti involuta fih tkun attendibbli b'mod li l-Gudikant tal-fatt ikun jista' jserrah mohhu li ma hemmx zball f'dik l-identifikazzjoni.*
…

*Jerga' jigi ribadit li n-non-osservanza ta' dawn ir-regoli* [in materja ta' identification parades] *ma jwassalx ghall-inammissibilita` tal-prova ta' l-identifikazzjoni; ikun ifisser biss li, skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, dik l-identifikazzjoni tista' ma tkunx attendibbli bizzejjed. Lanqas ma ghandu dan kollu jfisser jew jigi interpretat bhala li hemm xi regola generali li xiehda okulari (eye-witness testimony) hija minnha nnifisha inattendibbli jew li fiha xi perikoli.*

**Ikkunsidrat**

In propositu, il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni fil-kaz celebri ta' **Turnbull** (1977, QB 224, citata f'Archbold, 1997, p. 1255-1256), li ttrattat dwar dan is-suggett ta' identifikazzjoni ta' l-imputata. Illi f'dan il-kaz gie meqjus meta kaz ikun jiddependi fuq il-korrettezza ta' identifikazzjoni wahda jew aktar tal-imputat li d-difiza tallega li m'humiex korretti, jehtieg kawtela kbira u ezami akkurat tal-kwalita` tal-evidenza ta' identifikazzjoni. Illi ghalhekk iridu jittiehdu in konsiderazzjoni hafna fatturi ohrajn bhal ma huwa l-kaz tat-tip ta' vizwali li kellu x-xhud, id-distanza bejnu u l-imputata, jekk kienx jafu jew qattx rah qabel, iz-zmien li ghadda bejn l-osservazzjoni originali u l-identifikazzjoni li saret lill-Pulizija. F'dik id-decizjoni, intqal proprju hekk:-

*"The visual identification of suspects or defendants by witnesses has long been recognised as problematic and potentially unreliable. It is easy for an honest witness to make a mistaken identification, even in some cases where the suspect is well known to him, and some evidence suggests that a confident identification is no more likely to be correct than a cautious or hesitant one.*
*In some cases, a witness may have qualified his identification by admitting that he was 'not quite certain', or was only '90 per cent sure'. A defendant cannot properly be convicted on qualified identification evidence alone (George [2003] Crim LR 282; Brown [2011] EWCA Crim 80). But as with other kinds of weak identification evidence, a qualified identification may have a legitimate role to play alongside other, more reliable, evidence."*

Illi minn dak li ntqal mill-parte civile f'dan il-kaz dwar il-partecipazzjoni tal-imputata fil-kaz tal-Banka tal-Lottu gewwa l-Pieta', din il-Qorti ma tistax tara li hemm xi haga fl-atti li tista' ddghajjef jew inkella teskludi l-identifikazzjoni tal-imputata. L-identifikazzjoni tal-imputata ma gietx kwalifikata f'termini incerti, il-Qorti kkunsidrat ukoll li fic-

cirkostanzi ma kienx hemm distanza bejn l-imputata u bejn il-parte civile li setghet b'xi mod toskura l-vizwali.

Fir-rigward issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **The Executive Police vs Bernard Pintaric** (deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-19 t'Ottubru 2005, fejn intqal hekk:-

> "*Of course, this Court is not holding that the identification of a person should always be discarded. No textbook on Evidence says this and a person may be convicted on the identification by another person if the Court is convinced that the identification is a reliable one. This even more so when the identification is corroborated by other evidence.*"

Din l-identifikazzjoni tal-imputata, oltre li hija wahda soda u konsistenti fejn il-*parte civile* gharfu l-persuna fl-awla bhala l-persuna li dahlet fil-banka tal-lottu sabiex tikkommetti serqa. Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi tqis illi z-zmien li ghadda bejn l-incident u l-identifikazzjoni effettiva tal-imputata miz-zewgt parte civile kien pjuttost inekwivoku fl-gharfien tal-imputata meta xehedu f'dawn il-proceduri.

Illi wiehed irid jiftakar illi mhux kull dubju huwa dubju ragjonevoli u f'dan il-kaz il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer** (deciza fil-5 ta' Dicembru 1997), gie ribadit illi l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju, ghaliex id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u dejjem bl-applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Madanakollu, wara li qieset bir-reqqa x-xhieda, il-Qorti filwaqt li hija konvinta dwar l-identifikazzjoni tal-imputata u l-involviment taghha f'dak li gara gewwa l-banka tal-lottu fil-Pieta'. Illi ghalhekk, il-Qorti hija ghalhekk moralment konvinta lil hinn minn kull dubju ragjonevoli illi l-imputata kienet il-persuna li dahlet gewwa l-banka tal-lottu sabiex twettaq serq aggravat liema serq ma sehhx minhabba minhabba xi haga indipendenti u accidentali mill-volonta' taghha.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

**Sekwestru tal-Persuna**

L-Artikolu 86 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirrigwarda r-reat ta' arrest, sekwestru jew detenzjoni illegali u c-cirkostanzi aggravanti tal-istess reat. Illi f'dan il-kaz harsa lejn l-artikoli mahruga mill-Avukat Generali hemm referenza **biss** ghall-artikolu 88 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux l-artikoli gia citati hawn fuq. L-artikolu 88 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jitkellem biss fuq piena.

Jibda biex jinghad li l-Avukat Generali, fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju maghmula skont l-Artikolu 370(3) tal-Kodici Kriminali, jikkwota, bhala disposizzjonijiet li tahthom tista' tinstab htija artikoli differenti li gew indikati mill-Pulizija Ezekuttiva meta l-imputata tresqet quddiem il-Qorti. Dan sejra ssir referenza ghal dak li hemm fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju limitatament ghal dak li hemm referenza ghall-artikolu 88 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-artikoli l-ohra minnu citati jaghmlu referenza ghal akkuzi ohrajn jew inkella jikkontempla regola dwar il-konkors ta' pieni, l-Artikolu 31 jikkontempla l-iskala tal-pieni, u l-Artikolu 533 jitkellem dwar l-ispejjez peritali.

Illi f'din in-nota ma hemm ebda referenza ghall-artikoli 86 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta dwar sekwestru tal-persuna. Illi f'dan il-kaz, ir-rinviju ghall-gudizzju sar skont ma' hemm fl-Artikolu 370 (3) (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Din il-Qorti sejra taghmel referenza ghas-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell deciza fis-7 ta' Dicembru 2001 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Michael Carter** (per Imhallef Vincent DeGaetano)

> *"L-aggravji ta' l-Avukat Generali huma bazikament tnejn (it-tieni aggravju u t-tielet aggravju kif prospettati fir-rikors ighidu effettivament l-istess haga, pero` b'mod differenti). L-ewwel aggravju hu fis-sens li ghalkemm l-Avukat Generali ma ccitax l-Artikoli 181 u 182 fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju, l-ewwel qorti setghet issib lill-appellat hati tar-reati kontemplati f'dawn iz-zewg disposizzjonijiet peress li meta huwa "jirrinvija ghall-gudizzju lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, dik il-qorti tkun limitata biss bil-kompetenza skond il-ligi…[ghall-] kumplament dik il-qorti hija libera, anke sal-punt li tista' ssib htija f'xi reat iehor mhux espressament imsemmi mill-esponent, basta dak ir-reat jibqa' legalment fil-kompetenza ta' dik il-Qorti". In sostenn ta' din l-affermazzjoni l-Avukat Generali jaghmel referenza ghas-sentenza **Il-Pulizija v. Antonio Barbara** App. Krim. 2/12/1939, **Il-Pulizija v. Gunner Joseph Degiorgio** App. Krim. 15/2/1944, u **Il-Pulizija v. Godfrey Seisun et.** App. Krim. 2/5/1994. It-tieni aggravju hu fis-sens li*

*ma kienx hemm ghalfejn li l-Artikoli 181 u 182 jigu espressament citati peress li dawn jikkontemplaw reati li huma komprizi u involuti f'reati li gew espressament indikati.*

*Jinghad mill-ewwel li l-Avukat Generali m'ghandux ragun la fuq l-ewwel punt u lanqas fuq it-tieni punt. Jekk wiehed jaqra sew is-sentenzi ta'* ***Barbara*** *u ta'* ***Degiorgio*** *isib li r-rinviju ghall-gudizzju li ghalih hemm referenza f'dawk iz-zewg sentenzi ma hux rinviju skond l-Artikolu 370(3) tal-Kodici Krminali izda rinviju skond is-subartkolu (5) ta' dak li llum huwa l-Artikolu 433 tal-imsemmi Kodici. Fi kliem iehor, f'dawk iz-zewg kazijiet, l-Avukat Generali kien qed jiddeciedi li ma kienx hemm cirkostanzi li jgibu reat ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali izda li mill-provi seta' johrog reat jew reati ta' kompetenza (originali) tal-Qorti tal-Magistrati (cioe` l-kompetenza kif delineata f'dawk li llum huma ssubartikoli (1) u (2) ta' l-Artikolu 370 u s-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 371 tal-Kodici Kriminali). Huwa biss meta r-rinviju ghall-gudizzju jsir skond l-imsemmi subartikolu (5) ta' l-Artikolu 433 li l-Qorti tal-Magistrati tista' ssib htija ta' reat li ma jkunx wiehed minn dawk indikati fin-nota ta' rinviju (basta, naturalment, ikun reat ta' kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudkatura Kriminali, u purche` li l-imputat jinghata zmien biex jiddefendi ruhhu fuq l-imputazzjoni gdid li tkun zdiedet mill-pulizija a bazi tal-provi li jkunu instemghu). Huwa propju ghalhekk li s-subartikolu (6) ta' l-Artikolu 433 jipprovdi li f'kaz ta' rinviju simili, il-Qorti Inferjuri tista', qabel ma ssib htija jew tillibera jew qabel ma taghti provvedimenti ohra ta' kompetenza taghha, tisma' provi ohra sew kontra kif ukoll favur l-imputat. Meta, invece, ir-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura wiehed qed jitkellem fuq ghall-anqas reat wiehed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali), in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti. Bhal fil-kaz tal-att ta' akkuza, jekk fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju taht l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bhala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Magistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkuzat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu hati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat iehor anqas gravi izda kompriz u involut f'dak ir-reat, jew bhala komplici f'dak ir-reat. In fatti din it-tielet ipotezi kien il-punt principali fis-sentenza ta'* ***Seisun et****. (cioe` li l-Qorti tal-Magistrati, wara rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3), tista' ssib lill-akkuzat hati bhala komplici flok bhala l-ezekutur materjali; ghandu jinghad ukoll, pero`, li f'din is-sentenza din il-Qorti, diversament presjeduta, ma jidhirx li apprezzat id-differenza bejn rinviju skond l-Art. 370(3) u rinviju skond l-Art. 433(5)). Issa, fil-kaz in dizamina, l-Avukat Generali rrinvija mhux skond l-Artikolu 433(5) izda skond l-Artikolu 370(3); ghalhekk ma jistax jippretendi li l-Qorti Inferjuri setghet issib lill-appellat hati ta' xi reat iehor, salv, naturalment, dak li ghadu kif inghad*

*dwar it-tentattiv, ir-reat anqas gravi izda kompriz u involut, u l-komplicita`.*

*Ghalhekk l-ewwel aggravju ta' l-Avukat Generali qed jigi respint.*

*Kwantu ghat-tieni aggravju, din il-Qorti ma tistax tifhem kif ir-reati kontemplati fl-Artikoli 181 u 182 tal-Kodici Kriminali jistghu jitqiesu bhala "komprizi u involuti" f'xi wiehed mir-reati espressament indikati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju. Effettivament anqas l-istess appellant ma elucida kif dan jista' jkun. Certament l-analogija minnu maghmula mar-reat ta' offiza volontarja fuq il-persuna u tar-reat ta' offiza involontarja fuq il-persuna ma hiex wahda valida, ghax f'dak il-kaz wiehed ikun qed jitkellem dwar l-istess element materjali u bid-differenza biss fl-element formali. Fil-fehma tal-Qorti, ir-reati kontemplati fl-Artikoli 181 u 182 – li jitkellmu dwar l-ghoti ta' kopji ta' dokumenti – huma, fl-element materjali taghhom, sostanzjalment differenti mir-reati l-ohra imsemmija fl-istess sub-titolu, cioe` r-reati kontemplati fl-Artikoli 179, 180 u 183 li jikkontemplaw falsifikazzjoni fid-dokument originali.*

*L-Artikolu 185 jitkellem dwar dikjarazzjonijiet jew certifikati u mhux kopji ta' skritturi jew dokumenti; filwaqt li l-Artikolu 188 (mizjud fl-1980) jikkontempla kaz ta' falz ideologiku u mhux falz materjali bhalma jikkontemplaw l-Artikoli 181 u 182. Kwantu ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 189, huwa dan li jista' jkun kompriz u involut fir-reati kontemplati fl-Artikoli 181 u 182, u mhux vice versa.*

*Ghalhekk dana t-tieni aggravju qed jigi wkoll respint.*

Illi min din is-sentenza johrog bic-car li ma tistax tinstab htija ghal raguni li ma gewx imsemmija l-artikoli 86 u 87 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fin-nota tar-rinviju tal-avukat generali. Illi l-akkuzi l-ohra fil-konfront tal-imputata ma jistax jinghad li l-artikoli 86 u 87 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta huma komprizi u nvoluti fir-reati msemmija fl-istess nota. Illi fuq l-insenjament ta' din id-decizjoni, din il-Qorti ma tistax issib htija ghal dak li hemm fl-artikoli 86 u 87 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan minhabba l-fatt li fin-nota tar-rinviju ma gewx imsemmija.

**L-artikoli 6 u 51 (7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi mix-xhieda mghotija kemm minn Gino Bartolo u Abigail Casha qalu hekk fejn Gino Bartolo (a fol 50) qal "*…u ippuntatli l-arma lejja hekk qabel harget*". Minn naha l-ohra Abigail Casha qalet (A FOL 52) "*Dawn huwa hold up" u bdiet turini kellha craft knife…".* Illi minn dan li qalu l-parte civile it-tnejn jaqblu li kellha xi haga f'idha li Abigail Casha iddeskrivita bhala craft knife. Illi ghandu jinghad li minn naha tal-pulizija ma sabux

strument bhal craft knife u lanqas hemm indikazzjoni li ghamlu xi tfittxija li rrizultat fil-posittiv. Illi dak li hemm fl-artikolu 6 u 51 (7) tal-Kap 480 jitkellmu fuq:

l-Artikolu 6

> *Salvi d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 8 ħadd ma għandu jġorr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma jkollu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju.*

L-artikolu 51 (7)

> *(7) Kull min jikser l-artikolu 6 jew 21 ikun ħati ta' reat u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47).*

Illi mill-atti processwali jidher li l-prosekuzzjoni naqset li ggib bhala xhud sabiex jindika jekk l-imputata kellhiex licenza jew permess sabiex iggorr xi strument li jaqta jew bil-ponta barra mill-fond. Huwa minnu li l-imputata kellha strument li jaqta f'idha izda kif inhuwa redatt l-artikolu 6 jitlob ukoll li jkun hemm permess mahrug mill-kummissarju tal-Pulizija sabiex jingarr barra minn fond. Illi ghalkemm ma tela' hadd jixhed dwar jekk il-persuna kellhiex licenza jew le, il-Qorti taghmel referenza ghal dak li hemm fl-artikolu 7 fejn il-ligi taghti kunsens fejn persuna jista' jkollu arma barra minn fond minghajr licenza. Illi fid-dawl ta' dak li hemm f'dan l-artikolu 7[1], l-imputata ma tistax titiqies li taqa' taht dawn ic-cirkostanzi fuq dak li hemm fl-artikolu 6 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li, ssiba hatja lill-imputata talli garret barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellha licenzja jew permess mingħand il-Kummissarju.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikolu 261(a)(c)(f), 262(1)(a)(b), 267, 270 u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikolu 41(1)(a), 261(a)(c)(f),

---

[1] 7. Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 6 ma jgħoddux għal:
(*a*) mus li jkollu xafra li toħroġ mhux aktar minn tmien ċentimetri mill-maqbad u li jista' raġonevolment jitqies li jkun qed jinġarr bil-għan li jsir dak l-użu minnu bħal dak li soltu jsir minn mus;
(*b*) sikkina li tintuża minn xi persuna bil-għan tat-twettiq tas-sengħa jew għall-fini tal-istudji tagħha, jew għal għanijiet ta' għads meta, wara li tqis il-ħin, il-post u ċirkostanzi oħra, il-qorti tkun sodisfatta li dik is-sikkina kienet qiegħda attwalment tinġarr għal dawk il-finijiet.

262(1)(a)(b), 267, 270 u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; l-artikolu 88 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; l-artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta; l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u l-artikoli 17, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputata **Claire (Claire Louise) Polidano** hatja tal-ewwel (1), it-tielet (3), il-hames (5) u s-sitt (6) imputazzjoni kif dedotti kontra taghha, u tillibera lill-imputata mit-tieni (2) u mir-raba’ (4) imputazzjoni u tikkundannaha ghal multa ta’ mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghall-hames (5) imputazzjoni u ghal-ewwel (1), it-tielet (3) u s-sitt (6) imputazzjoni tikkundannha ghal perjodu komplessiv ta’ hamsa u ghoxrin (25) xahar prigunerija effettivi li minn dan il-perjodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputata ghamlet bhala arrest preventiv.

Inoltre, l-Qorti rat ukoll li fic-cirkostanzi tal-kaz huwa indikat li l-hatja titqieghed taht ordni ta’ trattament skond l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, stante li l-Qorti tqis li huwa mehtieg li l-hatja tigi mghejjuna teghleb l-abbuz ta’ sustanzi illeciti li qed iwassluha biex twettaq dawn ir-reati. Ghalhekk ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti qeghda tpoggi lill-hatja taht Ordni ta’ trattament u dan wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta’ trattament ghal perjodu ta’ tlett snin mil-lum. Il-Qorti fehmet bi kliem car u li jinftiehem il-portata ta’ din l-ordni u l-konsegwenzi li l-hatja jkollha taffaccja fil-kaz li hija tonqos milli twettaq din l-ordni skond kif ordnat lilha.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**